


# L-1926 madwar id-dinja

Fr Reno Muscat

Din is-sena l-Għaqda tan-Nar 23 ta' April qiegħda tiċċelebra d-90 anniversarju mill-ftuħ tal-ewwel kamra tan-nar li kienet tieħu ħsieb in-nar għall-festa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Kienet is-sena 1926. Dik is-sena l-Għid il-Kbir kien ġie fl-4 ta' April u l-festa ta' San Ġorġ Martri ġiet il-Ġimgħa, 23 ta' April. Kien iż-żmien ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija, l-ewwel waħda intemmet fl-1918 u t-tieni waħda bdiet fl-1939.



Ir-Reġina Eliżabetta t-tieni twieldet fl-1926

Malta kienet għadha kolonja tar-Renju Unit. Ir-Re tal-Ingilterra u allura anke ta' pajjiżna kien ir-Re Ġorġ V, li tela' fuq it-tron fis-6 ta' Mejju 1910 u miet fl-20 ta' Jannar 1936. Bħala gvernatur, Malta kellha lil Sir Walter Norris Congreve, li beda jaqdi dan l-uffiċju fid-29 ta' Ġunju 1924 u baqa' f'dan il-post sa mewtu, li seħħet nhar it-28 ta' Frar 1927 ġewwa l-isptar militari tal-Imtarfa. Huwa jinstab midfun fil-baħar bejn Ħaġar Qim u Filfla. Hemmhekk hemm lapida li tfakkar lil dan il-gvernatur. Minkejja li Malta kienet għadna kolonja, fl-1921, pajjiżna kien akwista s-*self government* u għalhekk beda jkollna Prim Ministru Malti. Il-Prim Minsitru Malti dak iż-żmien kien Sir Ugo Pasquale Mifsud tal-Partit Nazzjonalista. Dan kien it-tielet Prim Ministru Malti, kien beda jaqdi dan l-uffiċju wara l-elezzjoni tal-1924 u dam f'din il-kariga sal-1 ta' Awwissu, 1927.




Anke x-Chalet f'Tas-Sliema fetaħ 1926

Bħala popolazzjoni, fl-1926, Ħal Qormi kien hemm joqogħdu 4,665 raġel u 4, 621 mara. Meta niftakru li r-raħal tagħna kien għadu parroċċa waħda, nindunaw li kien popolat mhux

ħażin. Per eżempju Birkirkara kien fiha 8,575 ruħ, jiġifieri 601 persuna inqas minn Ħal Qormi. Bla dubju l-Belt Valletta u tas-Sliema kienu popolati ħafna. Il-Belt dik is-sena kienu joqgħodu fiha aktar minn 22,000 ruħ u tas-Sliema aktar minn 11,00 ruħ. [1] Illum fil-parroċċa tagħna biss insibu madwar 10,000 resident. [2] F'dawk iż-żminijiet Malta kienet ċentru ta' attività militari, navali u merkantili u għalhekk il-baħrin u s-suldati kienu jfittxu postijiet ta' divertiment. Nhar l-Erbgħa, 12 ta' Mejju 1926 kien inawgurat ix-*Chalet* f'Għar id-Dud tas-Sliema. Dakinhar kien lejlet Pentecoste. Dan il-post ta' divertiment baqa' jintuża sal-1959.[3] Dak iż-żmien kien ukoll popolari, forsi aktar mil-lum, il-logħob tal-futbol. Ir-rebbieħa tal-first Division, 1925-1926 kienu s-Sliema Wonderers FC. Dik is-sena il-*league* kien fih 7 timijiet, Sliema Wonderes, Floriana FC, Valletta United, Valletta Rovers, Msida Rovers, St Georges FC u Sliema Rangers. Il-kampjonat 1926-1927 intrebaħ minn Floriana FC. F'din id-diviżjoni kien hemm 4 timijiet din is-sena, ovvjament ir-rebbieħa, Sliema Wonderers FC, St Georges FC u Valletta Rovers.

Naraw issa ftit x'seħħ madwar id-dinja f'dik is-sena. Fis-26 ta' Jannar, l-inġinier John Baird preżenta f'Londra l-apparat li kien għadu kif ivvinta. Dan kien l-ewwel apparat televiżiv. Fil-25 ta' Frar, Francesco Franco sar il-Ġeneral tal-armata ta' Spanja. Aktar tard (1936) huwa sar il-mexxej tal-pajjiż u baqa' jmexxi sal-1975. Fit-3 ta' April ġewwa l-Italja kienet imwaqqfa l-għaqda imsejħa Balilla. Din kienet għaqda Faxxista għat-tfal. F'dak il-jum stess fl-Italja twaqqfet l-*union* waħdanija, din kienet kontra kul tip ta' *strike*. Minn dakinhar fl-Italja ma baqgħux jeżistu *unions* oħrajn. Fit-3 ta' Mejju l-ħaddiema tal-minjieri Ingliżi tkeċċew mix-xogħol u l-għada l-ħaddiema Brittaniċi bdew *strike* ġenerali. Minħabba dan l-*istrike* fid-9 tax-xahar kienet imposta l-liġi marzjali. L-għada bdew it-taħdieit bejn il-gvern u r-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-*istrike* intemm fit-12 ta' Mejju.

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' April ta' dik is-sena twieldet Elizabeth Alexandra Mary Windsor li fl-1953 saret ir-Reġina Eliżabetta II li sat-13 ta' Diċembru 1974 kienet ukoll ir-reġina ta' Malta. Fil-25 ta' April itellgħet għall-ewwel darba l-opra lirika ta' Giacomo Puccini Turandot ġewwa t-teatru La Scala ta' Milan. Fil-31 ta' Ottubru, Benito Mussolini kien qiegħed iżur Bologna u hemmhekk xi ħadd sparalu. Weħel Anteo Zamboni, żagħżugħ ta' 15-il sena, li ġie maqtul fuq il-post. Fid-19 ta' Novembru twaqqaf il-Commonwealth.



Claudio Villa twieled fl-1926

L-1926 rat ukoll it-twelid ta' nies prominenti. Fl-1 ta' Jannar twieled f'Ruma it-tenur Claudio Villa. Dan miet fis-7 ta' Frar 1987. Fil-21 ta' Jananr kien twieled l-attur Amerikan Steve Reeves, li miet fis-sena 2000. Fit-2 ta' Frar twieled Valéry Giscard d'Estaing, li kien President ta' Franza bejn l-1974 u l-1981. Fis-16 ta' Marzu twieled il-komiku Amerikan Jerry Lewis. Fl-1 ta' Ġunju twieldet l-attriċi Amerikana Norma Jeane Mortenson magħrufa bħala Marilyn Monroe li mietet fl-età ta' 36 sena fl-1962. F'dak ix-xahar ukoll, fil- jum tat-28 twieled l-attur Amerikan Mel Brooks. Fit-13 ta' Awwissu twieled Fidel castro, id-dittatur ta' Kuba. Ta' min isemmi wkoll li matul din is-sena Walter Elias Disney, magħruf bħala Walt Disney ħoloq il-karattru ta' Mickey Mouse, imma dan deher l-ewwel darba fl-1928.

Fost dawk il-Maltin li twieldu f'dik is-sena insibu tnejn li għandhom rabta speċjali mar-



*It-tabib George Hyzler twieled fis-sena 1926*

raħal tagħna. Nhar it-22 ta' Jannar twieled George Schembri ġewwa Ħal Qormi. Wara li fl-1963 inħatar maġistrat, fl-1974 laħaq imħallef. L-imħallef Schembri miet fis-7 ta' Ġunju 1980. Nhar is-26 ta' Mejju tal-istess sena, ġewwa ż-Żejtun twieled George Hyzler li laħaq tabib u ħafna minn ħajtu għaddieha f'Ħal Qormi. Hyzler minbarra li kien tabib kien ukoll politiku li serva bħala segretarju parlamentari għas-saħħa u ministru tas-sigurtà soċjali. Għal bosta drabi serva wkoll bħala Aġent President ta' Malta. It-Tabib Hyzler miet fl-20 ta' Jannar, 2011.

F'dik is-sena, fl-4 ta' Jannar, mietet ir-Reġina Margerita ta' Savoia, tar-Renju tal-Italja fl-għomor ta' 74 sena filwaqt li fit-23 ta' Awwissu miet l-attur Taljan Rudolpho Valentino fl-età ta' 31 sena.

Din kienet is-sena li fir-raħal tagħna s-sengħa tal-piroteknika bdiet issir f'kumpless mibni għalih, fir-raħal stess. Disgħin sena ilu missirijietna kienu l-pijunieri f'din l-arti. Illum, disgħin sena wara, aħna għandna ngawdu din is-sengħa, ix-xogħol ta' tant ħaddiema li mixgħulin bl-imħabba lejn San Ġorġ, isebbħu s-sema bi lwien, jimlew l-arja bi ħsejjes sbieħ li jagħmlu unur lilna l-Qriema.

**Riferenzi**


[1] The Malta Blue Book: Population and Vital statistics, Census 1921, section 15 page 2.

[2] The church in Malta posts/803/qormi-st-george, reteived 17 January, 2016

[3] Edgar Vella, The Chalet - Sliema (1926 - 1959) .avi


